MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 297/2006

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Settembru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu nhar l-ewwel (1) t'Ottubru, 1994 (Dok. 'SD1').

2. Illi ż-żwieġ tagħhom jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taż-żwieġ, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

3. Illi l-kontendenti ilhom li sseparaw ukoll bonarjament minn xulxin (Dok. "SD2").

4. Illi l-imsemmi żwieġ għalhekk huwa vvizzjat ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk iż-żwieġ għandu jiġi ddikjarat null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Għaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ż-żwieġ bejn il-kontendenti;

2. Tordna li din in-nullita' tiġi rreġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa qegħdha tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuta ppreżentata fit-30 ta' Marzu, 2007 li permezz tagħha ammettiet it-talba.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1994 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta kif ġia' ingħat ammettiet it-talba u ma ppresentatx provi iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni bħal dak odjern.

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet
essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm ma ġewx prodotti wisq provi, minn dak li rriżulta jidher li t-talba attriċi għandha tiġi akkolta; il-partijiet iżżewġu wara sentejn għerusija iżda jidher li kemm waqt l-għersija u kemm wara ż-żwieġ baqgħu jiltaqgħu sporadikament minħabba x-xogħol tagħhom, jidher illi l-isforz illi għamlu biex kellhom kollox lest għaż-żwieġ irriżulta li bilkemm kienu jafu lil xulxin tant li wara li l-konvenuta ħarġet tqila ftit wara ż-żwieġ, ma baqax ikollhom kuntatt sesswali u sseparaw fl-2001. Għalhekk tirriżulta l-kawżali taħt is-sub-inċiż (d) imsemmi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-1 ta’ Ottubru, 1994 u tordna li jsir l-annotament appositu fiċ-ċertifikat taż-żwieġ. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------